MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2009

Appell Civili Numru. 869/2008/1

**Nexos & Co Limited**

**vs**

**Avv. Peter Fenech bhala Chairman in rapprezentanza tal-Mediterranean Conference Centre**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta’ Gunju, 2009, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qieghda titlob is-somma ta’ elfejn, hames mija u hamsin Euro (€2,550) rapprezentanti in kwantu ghal elfejn, tlett mija u tletin Euro (€2,330) danni kkawzati fuq il-makkinarju tas-socjeta’ attrici, meta waqt attivita’ li kien hemm fl-‘Auditorium’ tal-

Mediterranean Conference Centre, nhar it-30 ta' Gunju, 2008, kien qieghed jintuza xi makkinarju tad-dawl tas-socjeta' attrici. Dan il-makkinarju kien mtella' fuq 'trusses', proprjeta' tal-konvenut nomine, li huma nstallati fl-istess 'Auditorium'. Meta din l-attivita' spiccat u s-socjeta' marret sabiex tnehhi dan il-makkinarju, dan gie dannegjat minhabba li s-sistema ta' tlugh u nzul ta' dawn it-'trusses' m'ghandhiex il-protezzjoni necessarja sabiex tizgura procedura hielsa mill-periklu skont l-'istandards' li huma mehtiega.

Illi, wara dan l-incident il-partijiet kienu ftiehmu sabiex jitqabbad Perit sabiex jaghmel rapport fuq dak li gara. Li ghalhekk, gie mqabbad il-Perit David Xuereb li lesta dan ir-raport, u ghalkemm il-partijiet kienu ftiehmu li l-hlas ta' dan ir-rapport isir bejn il-partijiet, meta dan gie biex jithallas il-konvenut nomine irrifjuta li jaghmel dan u ghalhekk kienet biss is-socjeta' attrici li hallset l-ammont ta' mitejn u hamsin Euro (€250) sabiex ikollha kopja tar-rapport.

Illi, ghalkemm il-konvenut nomine interpellat permezz ta' ittra ufficjali ezekuttiva sabiex ihallas l-ammont relativ ta' elfejn, hames mija u hamsin Euro (€2,550) ghad-danni kollha li soffriet is-socjeta' attrici, dan baqa' inadempjenti.

Ghaldaqstant, is-socjeta' attrici titlob umilment lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont ta' elfejn, hames mija u hamsin Euro (€2,550) u dan in ottemporanza tad-danni sofferti mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez u l-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali ezekuttiva sad-data tal-effettiv pagament.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn intqal illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra taghha ghas-segwenti ragunijiet:

Illi l-konvenut nominee kien responsabbli biss milli jipprovdi spazju u facilitajiet lill-organizzaturi ta' l-attivita' li kienet qed tinzamm fid-data msemmija.

Illi d-danni, li dwarhom qed tilmenta s-socjeta' attrici, gew ikkawzati minhabba negligenza tal-haddiema tas-socjeta' attrici li b'traskuragni kkawzaw il-hsara fl-imsemmi makkinarju; li ma kien hemm ebda ftehim kif qed jigi allegat mis-socjeta' attrici li l-ispejjez tar-rapport peritali jinqassmu bejn il-partijiet. Salv eccezjonijiet ulterjuri ohra permessi bil-ligi.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti  in atti.

Sema' x-xhieda ta' Silvio Scerri, Perit David Xuereb, Charles Catania u Dr. Peter Fenech.

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi din il-kawza titratta dwar rizarciment ta' danni sofferti f'makkinarju appartenenti s-socjeta' attrici, kif ukoll rizarciment ta' l-ispejjez ta' rapport tal-Perit allegatament inkarigat b'ftehim bejn iz-zewg partijiet sabiex jaghmel studju dwar il-kaz, liema talbiet huma t-tnejn ikkontestati.

Illi mix-xhieda tas-socjeta' attrici jirrizulta illi ghal dawn l-ahhar snin, is-socjeta' attrici kienet tinstalla l-makkinarju taghha fl-'auditorium' ta' Dar il-Mediterran. Illi sehh incident wara li l-makkinarju, proprjeta' tas-socjeta' attrici, kien qieghed jitnizzel minn  ma' 'trusses' ta' fuq il-palk. Illi dawn it-'trusses' gew uzati kemm-il darba mill-haddiema tas-socjeta' attrici f'okkazjonijiet ohra, izda fil-jum ta' l-incident gara li l-makkinarju ma zammx ma l-istruttura tal-hadid u huma jnizzlu l-makkinarju inkiser il-'pin' li jwaqqaf il-makkinarju milli jkompli jinzel, bir-rizultat illi l-makkinarju baqa' niezel ma' l-

art u garrab xi hsarat. Illi, x-xhud tas-socjeta’ attrici stqarr illi huwa kien avza kemm-il darba lil persuna responsabbli ghal manutenzjoni tal-palk, illi dan l-incident xi darba kien ser isehh u xtaq illi jsir xi haga minn naha tal-Mediterranean Conference Centre sabiex hsarat jigu evitati fil-futur. Izda gara illi fil-fatt kien huwa stess illi garrab hsarat f’makkinarju tieghu stess. Skond l-istess xhieda, intqal illi bi ftehim mal-konvenut nomine huwa kien qabbad il-Perit David Xuereb sabiex jaghmel rapport fuq il-kaz.

Mix-xhieda tal-Perit David Xuereb, prodott mis-socjeta’ attrici, irrizulta llli fil-bidu huwa kien haseb illi gie kkummissjonat miz-zewg nahat, izda irrizultalu mill-konvenut nomine illi huwa fil-fatt ma kienx gie kkumissjonat minnu. Il-Perit xehed illi huwa ma kienx acceda fuq il-post meta sar l-incident u ghalhekk ma kienx ra l-hsarat. Huwa bbaza r-rapport tieghu fuq investigazzjonijiet li ghamel u skond dak illi gie rappurtat lilu dwar l-incident kif ukoll ra l-istruttura ezistenti. Gie ddikjarat illi l-hsarat tas-socjeta’ attrici kienu gew ittrangati sakemm wasal sabiex jaghmel ir-rapport, peress illi dan il-makkinarju jintuza ta’ spiss. Skond ix-xhieda tal-Perit huwa qal illi l-incident sehh ghaliex il-mekkanizmu ma kienx gie uzat sewwa u l-makkinarju thalla jinzel ma l-art minflok ma thalla sospiz in arja, kif kellu jkun. Illi l-mekkanizmu ghandu jithalla ghall-‘circa’ metru u nofs minn ma l-art. Spjega kif min ikun qieghed jahdem it-‘truss’ jaf illi hemm ‘switch’ u li ghandu jzomm certu distanza min ma’ l-art. Irrizulta illi fil-kaz in ezami l-bniedem inkarigat mis-socjeta’ attrici ma tax kaz il-livell u halla l-mekkanizmu jinzel s’isfel. Illi l-mekkanizmu, proprjeta’ tal-konvenut nomine, m’huwiex installat b’‘limiting switches’ fil-kaz li wiehed jaljena ruhu . Ma kellu ebda sinjal b’dawl jew ‘sensor’. Qal ukoll illi bhala vizwali l-bniedem li jkun qieghed jnizzel it-‘trusses’ ma jkollux il-vizwali ta’ xi jkun qieghed ghaddej, u ghalhekk ghandu jkun hemm dan il-mekkanizmu.

In kontro-ezami spjega kif din is-sistema hija attrezzata b’‘limitation bar’ li vizwalment turik fejn ghandha tieqaf ‘truss’, izda fattwalment ma kienx gara hekk. Il-Perit osserva ukoll illi ma kienetx tezisti procedura ta’ ‘hand over’ bejn il-konvenut nomine u min kien qieghed jahdem fuq it-‘trusses’.

Mix-xhieda tal-konvenut nomine jirrizulta illi n-nomina tal-Perit ma kienetx giet oggezzjonata minn naha tieghu, izda meta wara li l-Perit kien ghamel ir-rapport tieghu, il-konvenut nomine insista mas-socjeta’ attrici illi l-Perit kienet qabditu hi u li l-konvenut nomine qatt ma kien ikkummsijona l-Perit ghar-rapport u li d’altronde ma kellux bzonn ta’ l-ebda rapport. Konsegwentement il-konvenut nomine qatt ma rcieva l-ebda rapport mill-Perit, u l-ewwel darba li kien ra r-rapport ta’ l-istess Perit dwar il-kaz, kien seduta stante. Il-konvenut nomine xehed illi t-‘trusses’ in kwistjoni huma spezjonati kull sitt (6) xhur skond il-Ligi tas-Sahha u Sigurta’ u huma certifikati minn Inginier. Dwar il-fatti tal-kaz Dr. Peter Fenech spjega kif l-impjegat tas-socjeta’ attrici baqa’ jaghfas il-buttuna ta’ l-‘iswitch bar’ nonostante il-livell indikat, u tant baqa’ jippersisti illi jaghfas il-buttuna sabiex il-mekkanizmu jinzel direttament f’kaxxa li kellu illi ttrapassa l-limitu bil-konsegwenza illi gie maqtugh il-‘cable’ u l-apparat baqa’ niezel ma l-art. Spjega kif fis-sistema uzata fid-Dar tal-Mediterran jezisti livell li jisejjah ‘stop bar’ u s-socjeta’ attrici baqghet taghfas il-buttuna oltre il-limitu, tant illi mhux biss gew ikkawzati hsarat fl-apparat taghha stess izda gew ikkawzati hsarat fil-palk ta’ Dar il-Mediterran. Qal illi l-presenza ta’ din l-‘istop bar’ hija a konoxenza ta’ min kien qieghed ihaddem l-apparat u li, di fatti ma kienetx l-ewwel darba li l-istess bniedem tas-socjeta’ attrici kien qieghed juza dan il-mekkanizmu. Mix-xhieda tal-konvenut nomine rrizulta ukoll illi is-sistema adoperata minnu, ghalkemm forsi m’hijiex l-ahjar sistema fis-suq, hija sistema accettabbli tant illi hija certifikata mid-

Dipartiment tas-Sahha u Sigurta' u sta ghal min ikun qieghed jadopera l-mekkanizmu illi jara illi ma jinzilx oltre il-livell indikat ma l-'istop bar'. Illi s-socjeta' attrici kienet uzat din is-sistema kemm-il darba u l-haddiema ta' l-istess socjeta' kienu jafu kif tahdem is-sistema, izda li gara dakinhar kien illi l-bniedem li kien qieghed jopera s-sistema baqa' jaghfas il-buttuna u aghfasha oltre il-livell ta' l-'istop bar'.

Mix-xhieda tat-Technical Officer, li huwa mpjegat tal-konvenut nomine, jirrizulta illi ghalkemm huwa ma kienx prezenti meta gara l-incident huwa acceda fuq il-post minnufih. Illi l-bniedem li kien qieghed jopera l-mekkanizmu kien jismu certu Oscar, u l-istess Oscar kien gieli hadem bl-istess sistema. Meta mar fuq Oscar, ra illi kien pre-okkupat. Ra illi l-hsarat kienu rizultat ta' bniedem li kien qieghed jipprova jdahhal l-apparat tieghu direttament gewwa kaxxa, peress illi kif intqal lilu minnu stess, l-apparat kien tqil hafna u baqa' jisforza il-'winch', u mar oltre il-livell ta' l-'istop bar', bil-konsegwenza illi tqaccat il-'cable'. Catania spjega kif is-sistema hija attrezzata b'sistema ta' brejk mad-'demarcation line' izda osserva illi dan il-bniedem baqa' jaghfas sakemm mar oltre bir-rizultat illi l-apparat tieghu garrab xi hsarat. Spjega ukoll illi dawn it-'trusses' jigu operati permezz ta' sistema elettronika ta' 'remote control'. Ix-xhud qal ukoll illi 'cable' ta' dik l-ghamla tinqata' biss meta jigi sfurzat il-mekkanizmu u meta jkun hemm il-brejk. Intqal ukoll illi meta gie suggerit kemm mis-socjeta' attrici u kemm mill-Perit illi ghandhom jigu installati mekkanizmi elettronici ahjar, l-Inginer independenti, li jiccertifika l-mekkanizmu kull sitt (6) xhur bhala sistema konformi mall-Ligi, qal illi ma kienx hemm ghalfejn illi s-sistema tinbidel.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi wara illi sema' u evalwa l-provi, ha jistrieh fuq il-prova ewlenija tal-Perit David Xuereb, inkarigat mis-socjeta' attrici sabiex jaghmel rapport dwar l-incident. Filwaqt illi

t-Tribunal huwa tal-fehma illi mill-provi jirrizulta illi l-Perit kien gie mqabbad direttament mis-socjeta’ attrici u mhux b’inkarigu miz-zewg partijiet, ihoss illi kwalunkwe pretensjonijiet minn naha tas-socjeta’ attrici ghan-nofs l-ispejjes m’ghandhomx ikunu akkolti. In kwantu ghall-incident, mir-rapport johrog car illi, ghalkemm ma hemmx proceduri stabbiliti ta’ ‘hand over’ bejn il-konvenut nomine u min ikun qieghed jhaddem xi sistemi fuq il-palk u li ghalkemm l-istess apparat m’huwiex attrezzat b’’electronic limit switches’, dan ma jfissirx illi is-sistema tal-konvenut nomine m’hijiex adegwata. Illi kif intqal mill-istess Perit, il-‘movement mechanisms that lower the lighting support trusses are equipped with a stop bar that arrests truss movements beyond a certain height’. Illi dawn il-mekkanizmi huma certifikati perjodikament minn Inginier kwalifikat kummisjonat mill-konvenut nomine. Gie rakkomandat mill-istess Perit illi ghalkemm il-konvenut ghandu jikkunsidra jinstalla’ ‘electronic switchgear to limit system over load and excessive movements’ jghid ukoll fl-istess waqt illi l-haddiem tas-socjeta’ attrici kien jaf is-sistema li kien qieghed jopera peress illi din l-istess sistema giet adoperata minnu kemm-il darba qabel dan l-akkadut. Il-Perit kompla billi qal illi s-socjeta’ attrici f’din l-okkazjoni ‘seems to have managed dismantling practice in this particular occasion differently from how it usually does so’. Il-Perit qal ukoll illi ma tezistix procedura stabbilita minn naha ta’ Dar il-Mediterran ta’ kif wiehed ghandu jopera din is-sistema u jtemm r-rapport billi jatribwixxi t-tort liz-zewg partijiet.

It-Tribunal jirrileva illi fir-rapport tal-Perit gie konstatat illi s-socjeta’ attrici operat l-apparat appartenenti lill-konvenut nomine diversament minn kif toperah is-soltu. Illi konstata dan il-fatt, it-Tribunal huwa tal-fehma illi s-socjeta’ attrici kienet imdorrija tahdem b’din is-sistema, izda f’din l-okkazjoni sfurzat izzejjed il-buttuna tal-‘limitation bar’ bil-konsegwenza illi sehhew hsarat. Illi l-Perit

Xuereb ikkonstata l-fatti u ghamel ir-rakkomandazzjonijiet tieghu ghall-uzu futur ta' l-istess mekkanizmu. Il-Perit qatt ma qal illi s-sistema ta' Dar il-Mediterran m'hijiex accettabbli, izda li kienu jezistu sistemi ahjar. Illi mir-rapport jirrizultalu nuqqas ewlieni tal-konvenut nomine, huwa li naqas milli jaghti 'manual' ta' procedura ta' kif ghandu jithadem dan l-apparat. Izda mill-provi jirrizultaw ampjament illi dan l-apparat kien ilu jigi ntuzat mis-socjeta' attrici u li l-hsarat gew ikkawzati ghaliex il-bniedem li kien qieghed ihott l-apparat uza sistema differenti minn tas-soltu meta huwa sforza l-buttuna sabiex ikompli jbaxxi l-apparat tieghu sabiex jiffranka toqol zejjed.

Illi fil-fehma tat-Tribunal il-verzjoni kif moghtija mill-konvenut nomine u mix-xhud tieghu, ghandha tigi emmnuta. Illi t-Tribunal ihoss illi kien nuqqas minn naha tas-socjeta' attrici illi ma gabx bhala prova l-bniedem li kien uza l-apparat sabiex jispjega huwa kif fil-fatt graw il-fatti. Illi s-socjeta' attrici tat il-verzjoni taghha minghajr ma gabet lil hadd sabiex isahhah ix-xhieda taghha, hlief ghar-rapport ta' Perit, dwar il-fatt u li fl-ebda parti tar-rapport ma hemm imnizzel illi l-mekkanizmu appartenenti lill-konvenut nomine kellu xi difett, anzi qal illi min kien uzah ma kienx uzah kif kellu jigi uzat.

Illi fic-crkostanzi tal-kaz, it-Tirbunal ihoss illi l-konvenut nomine ghandu jaghti kaz ir-rakkomandzzjonijiet siewja tal-Perit David Xuereb, partikolarment fejn jidhlu manwali ta' procedura. It-Tribunal jaqbel illi din ghandha tkun prassi tajba. Izda, ghalkkemm ma jezistix dan il-manwal ta' procedura, dan ma jfissirx illi min kien qieghed jopera dan il-mekkanizmu ma kienx jaf kif kellu jigi uzat.

It-Tribunal huwa moralment konvint illi l-bniedem inkarigat mis-socjeta' attrici sabiex ihaddem dan il-mekkanizmu kien jaf bis-sistema ta' 'limitation bar' u kif ghandha tigi adoperata, izda huwa nsista u

ppersista jaghfas il-buttuna sabiex jevita toqol zejjed u jpoggi l-apparat tieghu direttament gewwa kaxxa, tant illi l-‘cable’ tat-‘truss’ tqaccat bir-rizultat ta’ hsarat kemm fil-‘cable’ appartenti lill-konvenut nomine kif ukoll fl-apparat proprjeta’ tas-socjeta’ attrici.

It-Tribunal jasal ghal konkluzjoni illi s-sistema ta’ tlugh u nzul ta’ ‘trusses’ proprjeta’ tal-konvenut nomine ghandha il-protezzjoni necessarja sabiex tizgura procedura hielsa mill-periklu u l-‘istandards’ ta’ din is-sistema huma ccertifikati kull sitt (6) xhur kif mehtiega skont il-Ligi tas-Sahha u Sigurta’. Illi in oltre, ma jirrizultax mix-xhieda illi l-konvenut nomine kien ikkummisjona rapport mill-Perit David Xuereb fuq il-kaz.

Ghaldaqstant, it-Tribunal huwa konvint illi kif svolgew il-fatti, is-socjeta’ attrici ma ppruvatx il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fil-waqt illi l-eccezzjonijiet tal-konvenut ghandhom jigu milqugha.

It-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici.

Spejjez tal-kawza bejn iz-zewg partijiet fi kwoti ndaqs.”

Bl-appell taggha minn din is-sentenza s-socjeta` attrici tinsisti illi l-provi kienu jissufragaw it-tezi taghha illi l-hsarat ikkawzati lill-apparat taghha kienu konsegwenza ta’ mekkanizmu provvdut mill-konvenut *nomine* li ma kienx “*up to standard*”. Bil-kontra, fir-risposta tieghu l-konvenut *nomine* jikkontendi illi dak il-mekkanizmu tieghu kien adegwat u regolari u li l-hsarat avveraw minhabba uzu hazin tieghu da parte ta’ l-impjegat tas-socjeta` attrici;

In linea ta' introduzzjoni generali jigi ravvizat illi hu ormai ben saldat illi r-responsabilita` amministrattiva f'pajjizna, gestita wkoll permezz ta' entitajiet jew kumpaniji, hi regolata mill-istess provvedimenti tad-dritt ordinarju applikabbli ghas-soggetti privati. Ara, ad ezempju, "**Elmo Insurance Services Ltd *nomine* -vs- PC 537 Joseph Micallef *et***", Appell Superjuri, 5 ta' Ottubru, 2001 u "**Neil Cassar et -vs- Onor. Ministru ghall-Ambjent *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 17 ta' Marzu, 2004. Din l-espressjoni ta' fehma hi kondiviza wkoll minn kazistika estera, kif illustrat minn din is-silta tal-**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana** (**5 ta' Lulju, 2001, Numru 9092**):-

"*Nell'esercizio del suo potere discrezionale ... la Pubblica Amministrazione incontra limiti derivanti sia da norme di legge, regolamentari o tecniche, sia da regole di comune prudenza e diligenza, prima fra tutte quella del 'neminem laedere' in ossequio alla quale essa è tenuta a far sì che l' 'opus publicum' non integri per l'utente gli estremi di una situazione di pericolo occulto (cosidetto insidia o trabochetto)*";

F'din l-ottika, id-dixxiplina ta' qaghda bhal din tqieghed quddiem il-gudikant l-individwazzjoni tal-kondotta tal-gestur pubbliku, produttiva ta' obbligi rizarcitorji, oltre s'intendi dik, u jekk ikun il-kaz, id-determinazzjoni ta' l-entita` tar-rizarciment dovut. Naturalment ukoll, ghal fini tar-responsabilita`, hu inkombenti illi dik il-kondotta, attiva jew ommissiva, tivverifika ruhha bhala l-kawza prossima u immedjata li tkun gabet fis-sehh l-event tad-dannu. Li jfisser, illi biex kondotta ommissiva – kif hekk qed jigi attribwit mis-socjeta` attrici lill-konvenut *nomine* – tista' tigi assunta bhala fonti ta' responsabilita` ghad-danni mhux bizzejjed is-semplici riferiment ghall-principju "*neminem laedere*" ghaliex jokkorri wkoll li jigi stabbilit il-veru obbligu guridiku ghall-evitar ta' l-event lamentat;

Evidentement, ir-rapport partikolari bejn il-kontendenti f'dan il-kaz kien jesigi illi l-attrezzi jew mekkanizmi jkunu skond standard idoneju ghalihom u mizmuma bid-debiti

ripari. Wisq ragonevolment, dan in aggunta ghal dawk il-parametri konsweti tad-diligenza, tal-prudenza, u tal-hsieb tal-missier tajjeb tal-familja ghal liema jirreferi l-Artikolu 1032(1) tal-Kodici Civili;

Ipprecizat dan, jidher li hu terren komuni illi r-rizoluzzjoni tal-punt kontrovertit ghandha tigi ricerkata fir-rapport tal-Perit David Xuereb (fol. 12), anke ghaliex dan jidher li fforma l-bazi tal-konsiderandi tat-Tribunal fis-sentenza appellata. *Inter alia*, mill-kontenut tieghu jistghu jigu delinejati s-segwenti osservazzjonijiet ta' rilevanza:-

1. "*The movement mechanisms that lower the lighting supporting trusses are equipped with a stop-bar that arrests trust movements beyond a certain height. These are periodically certified by a local warranted engineer, commissioned by MCC to do this.*"

2. "*The presence of such limit bars was made clear by MCC to Nexos and Nexos were aware of this*"

3. "*There are no electronic limit mistakes that prevent excessiv movements and loads on the system, should an operator <u>inadvertantly</u> decide to lower truss and equipment beyond the normally accepted limit*";

Fuq din l-ahhar osservazzjoni l-imsemmi Arkitett issokta jamplifika dan fid-deposizzjoni tieghu (fol. 16):

(i) "Il-hsarat li kienu saru huma minhabba l-fatt illi dan il-mekkanizmu ma kienx gie wzat sew u t-trusses kellhom jinzlu sa l-art u mhux sospizi fl-arja, kif kellu jkun";

(ii) "Min kien qed ihaddem dan it-truss jaf li kien hemm *switch* partikolari u hemm ukoll distanza partikolari safejn it-truss ghandu jibqa' niezel, u ghandu jieqaf ma' dan il-livell";

(iii) "Il-bniedem li ha hsieb inizzel dan it-truss ma tax kaz dan il-livell u hallieh jinzel";

In bazi ghal dak rilevat minn dan ix-xhud, is-socjeta` appellanti tenfasizza illi l-mekkanizmu provvdut mill-konvenut *nomine* mhux biss ma kienx "*up to standard*" izda wkoll, li b'dak l-istess mekkanizmu ma kienx hemm "*a safe system of* work". Huwa car li b'dan l-ahhar assunt taghha s-socjeta` appellanti tikkollega ruhha ghal dik il-gurisprudenza li tafferma illi "il-makkinarju ghandu jkun imhares b'mod li ma jarrekax hsara lil min qed jahdem fuqu jew qed jadoperah, anki meta dan ma jkunx qed jahdem fuqu, jew juza dak il-makkinarju minghajr dik l-attenzjoni u prudenza li wiehed jistenna bhala normalita`. U dan biex jaghmel tajjeb ghal dik l-aljenazzjoni ta' l-attenzjoni, prudenza u ghaqal, li jsofri haddiem industrijali, proprju ghaliex dik l-aljenazzjoni tkun fil-maggoranza tal-kazijiet indotta mill-istess natura ta' l-attivita` industrijali". Ara "**Emanuel Grech -vs- Carmelo Farrugia *et nomine***", Appell Kummercjali, 7 ta' Dicembru, 1994;

Ma hemm proprju xejn f'din is-silta appena riprodotta li din il-Qorti ma taqbelx mieghu. Minn naha l-ohra kull kaz irid jigi ezaminat u deciz fuq l-fattezzi partikolari tieghu in kwantu hu minnhom li trid tigi individwata l-ezistenza, o meno, tal-htija;

Fiz-zgur, il-Qorti ma hi xejn assistita mill-provi in atti biex tiddetermina jekk l-event tad-dannu li sehh f'dan il-kaz kienx dovut ghall-"aljenazzjoni", kif fil-predetta sentenza kontemplat, jew, altrimenti, ta' dik l-"*inadvertance*" fl-operatur tal-mekkanizmu, impjegat tas-socjeta` attrici, kif issuggerit fir-rapport tal-Perit Grech. Dan ghaliex, ghal raguni li tafha biss is-socjeta` attrici appellanti, dak l-impjegat taghha baqa' ma giex prodott biex jixhed, u ghalhekk mhux maghruf ezattament x'gara fil-waqt preciz ta' l-incident;

Li jista' jinghad hu illi, fil-kumpless, il-Qorti hi sodisfatta illi:-

1. Is-socjeta` attrici kienet a konoxxenza tal-mod kif kien jithaddem il-mekkanizmu ghaliex din l-operazzjoni ghamlitha f'diversi okkazjonijiet qabel f'Dar il-Mediterran, u kellha l-esperjenza taghha;

2. Is-sistema tidher li kienet maghrufa wkoll mill-impjegat inkarigat. Ara xhieda tal-Perit Grech;

3. Is-"*safe system of work*" ghal liema talludi s-socjeta` appellanti, filwaqt li timponi doveri fuq min ihaddem hi kontro-bilancjata mill-uzu ta' attenzjoni u prudenza f'min jahdem. Kif ukoll drabi ohra osservat mill-Qorti Superjuri, "il-haddiem allura ma kienx intitolat li jiehu riskji bla bzonn fl-ezekuzzjoni tax-xoghol fdat f'idejh. Filwaqt li hu veru illi hemm cirkostanzi fejn it-tehid ta' tali riskju jista' jigi spjegat u gustifikat minhabba n-natura ta' xoghol ripetittiv jew minhabba apprezzament zbaljat ta' x'kellu jsir fil-mument, hemm imbaghad cirkostanzi ohra fejn it-tehid ta' tali riskju ma jkun bl-ebda mod gustifikat ghax ikun jammonta ghal negligenza jew traskuragni fuq il-lant tax-xoghol. Kulhadd allura kien mistenni illi f'dak li jaghmel jezercita l-kura ragjonevoli ta' *bonus pater familias*" ("**Carmelo Micallef *et* -vs- John Pisani *et nomine***", 5 ta' Ottubru, 2001). Jista' jinghad illi ta' din ix-xorta hu l-kaz hawnhekk billi, kif espress mill-Perit Grech, il-bniedem responsabbli li kien qed ihaddem it-*trusses* ma tax kaz ta' l-i*stop-bar* u ma attivahomx kif imiss, u skond ir-regoli mekkanici;

4. Ukoll jekk mhux l-iprem, is-sistema mekkanizzata kienet accettabbli u perjodikament ivverifikata minn persuna kwalifikata;

5. Jinzel minn dak kollu b'konsegwenza illi s-socjeta` appellanti ma tistax tattribwixxi kolpa ommissiva fil-konvenut *nomine* ghall-fatt li dan ma wzax "*electronic limit switchgear*" ghaliex dan ma kienx il-kawza prossima u dak li sehh ma kienx dovut ghall-assenza ta' din is-sistema, hekk ukoll issuggerita mill-Perit Grech, izda kif diga` ntqal, ghan-non-kuranza ta' l-impjegat ta' l-istess socjeta` attrici li haddem l-apparat u pprovoka d-dannu. Dannu dan li bi ftit attenzjoni u osservanza tal-limitazzjoni

insita fl-istess apparat ezistenti seta’ kien ghal kollox evitat.

Ghal motivi kollha predetti din il-Qorti qeghda tirrespingi dan l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez jibqghu sopportabbli mis-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------